MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1057/2001/1

**DOUBLE R MEATS CO. LTD.**

**vs**

**Emmanuel MICALLEF**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-13 ta' Ġunju, 2001, li bih Emanuel Micallef ippremetta:

Illi s-soċjeta' Double R Meats Co. Ltd. kienet intavolat kawża kontra Emmanuel Micallef għall-ammont ta' elfejn, ħames mija u sebgħa u sebgħin liri maltin u tmienja u għoxrin ċenteżmu (Lm2,577.28) rappreżentanti merkanzija mibjugħa u konsenjata lil Emmanuel Micallef;

Illi mill-affidavit jidher ċar illi hija żbaljata peress illi l-attur iddikjara li l-konvenut għandu jagħti flus lil Rimus Trading Agency Limited u mhux lis-soċjeta’ attriċi;

Illi mill-atti jirriżulta illi Emmanuel Micallef ġie notifikat fir-residenza privata tiegħu u dan ġie konfermat mill-marixxall Victor Agius;

Illi l-istess Emmanuel Micallef qiegħed jiddikjara li qatt ma ġie notifikat b’din iċ-ċitazzjoni anke minħabba l-fatt illi dawk il-ġranet tan-notifika kien ikun ix-xogħol u mhux id-dar;

Illi anke għall-grazzja tal-argument jekk ġie notifikat id-dar żgur li kien jikkontesta din it-talba peress li l-ammont m’huwiex dovut minnu;

Illi sar jaf b’din id-deċiżjoni meta rċieva ittra mill-avukat ta’ Double R Meats Co. Ltd. fejn ġie interpellat sabiex iħallas is-sorte, l-imgħax u l-ispejjeż u għalhekk qiegħed jitlob ipproponi din iċ-ċitazzjoni ta’ ritrattazzjoni tas-sentenza;

Illi l-bażi tar-ritrattazzjoni hija l-artikolu 811(b), 811(d) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u proċedura Ċivili in kwantu l-att taċ-ċitazzjoni u l-avviż tas-smiegħ tal-kawża Double R Meats Co. Ltd. vs Emmanuel Micallef deċiża mill-Prim’Awla Qorti Ċivili fis-27 t’April, 2001 qatt ma ġie notifikat lilu personalment;

Illi dan kollu jagħti bażi għal ritrattazzjoni a tenur tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u proċedura ċivili;

Għalhekk is-soċjeta’ attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi in bażi għall-premess teżisti bażi għal ritrattazzjoni skond il-liġi a tenur tal-artikolu 811(b) u (d) tal-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili;

2. Tħassar u tannulla, tirrexxindi u tirrevoka s-sentenza tal-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet

Double R Meats Co. Ltd. vs Emmanuel Micallef deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 t'April, 2001;

3. Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawża Double R Meats Co. Ltd. vs Emmanuel Micallef deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 t'April 2001;

Bl-ispejjeż u b'riserva ta' kull azzjoni fil-liġi;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur ritrattand;

Rat in-Nota mressqa fl-4 t'Ottubru, 2001, li biha l-kumpannija Double R Meats Co. Ltd. Eċċepiet:

1. Illi ċ-ċitazzjoni ġiet notifikata regolarment lil Emmanuel Micallef kif meħtieġ mill-artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana anke *ex admissis* minnu stess fl-atti ta' dawna l-proċeduri, u għalhekk żgur li ma jissussistux l-elementi meħtiega mill-artikolu 811(b), kif qiegħed jippretendi;

2. Illi stante li n-notifika kienet waħda regolari dawna l-proċeduri huma irritwi u nulli peress li Emmanuel Micallef ma jistax jutilizza r-rimedju konċess lilu mill-artikolu 812 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi apparti minn hekk fi kwalunkwe każ żgur li ma jeżistux l-elementi meħtieġa mir-raġunijiet l-oħra kontemplati fl-artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi fiċ-ċitazzjoni tiegħu Emmauel Micallef naqas milli josserva r-rekwiżiti formali msemmija fl-artikolu 816 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk ukoll it-talba tiegħu għandha tiġi miċħuda;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija ritrattata;

Rat id-Degriet tagħha tas-27 ta' Novembru, 2001, li bih ordnat li l-attur iressaq kopja tas-sentenza li tagħha qiegħed jitlob ir-ritrattazzjoni;

Rat in-Nota mressqa fit-3 ta' Diċembru, 2001[1], ma' liema kien hemm mehmuża kopja tas-sentenza;

Rat id-Degriet tagħha tat-12 ta' Frar, 2002, li bih u fuq talba tal-attur ritrattand ordnat li l-atti tal-kawża numru 529/01GC maqtugħa fis-27 t'April, 2001, jiġu mehmużin mal-atti ta' din il-kawża;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża u dawk tal-kawża numru 529/01GC mehmużin magħha;

Rat id-Degrieti tagħha tas-7 ta' Novembru, 2002, u tal-20 ta' Marzu, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi b'din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob li kawża li kienet infetħet kontrih mill-kumpannija ritrattata u li nqatgħet fis-27 t'April, 2001, terġa' tinstama' minħabba li hu ma kienx ġie notifikat bl-atti ta' dik il-kawża l-oħra u wkoll minħabba li s-sentenza kienet milquta minn żball li jidher fl-atti ;

Illi min-naħa tagħha, l-kumpannija ritrattata tgħid li t-talba m'għandhiex tintlaqa' għaliex l-attur kien notifikat kif imiss u ma teżistix lanqas ir-raġuni l-oħra li huwa qiegħed jallega li kien hemm fis-sentenza minnu impunjata. Minbarra dan, iżżid tgħid li l-attur ritrattand naqas li jwettaq dak li trid il-liġi, u jiġifieri li jsemmi fiċ-Ċitazzjoni tiegħu ir-raġunijiet għar-ritrattazzjoni fil-kliem li huma miġjuba fl-artikolu 811[2];

[1] Paġġ. 14 sa 16 tal-proċess
[2] Art. 816 tal-Kap 12

Illi huwa magħruf u aċċettat li l-proċedura tar-ritrattazzjoni għandha żewġ għanijiet: fl-ewwel post, dik li tħassar għal kollox u mhux biss parzjalment[3] sentenza li tkun saret ġudikat bejn il-partijiet u dan għal xi waħda mir-raġunijiet speċifiċi u tassattivi msemmija mil-liġi[4]; u, fit-tieni post, dik li terġa' tinstama' l-kawża li s-sentenza tagħha tkun tħassret u li tingħata sentenza oħra mill-ġdid. Qabel ma l-Qorti tkun soddisfatta li sabet raġuni tajba biex tħassar is-sentenza ewlenija, m'għandhiex, bħala regola, tidħol biex tqis il-mertu tal-kwestjoni maqtugħa bis-sentenza li tagħha jintalab it-tħassir[5];

Illi, b'żieda ma' dan kollu li ssemma dwar in-natura eċċezzjonali tal-proċedura tar-ritrattazzjoni, irid jingħad ukoll li l-prova tar-raġuni li għaliha parti titlob li kawża tiġi mismugħa mill-ġdid trid issir minn dik l-istess parti u trid issir b'mod li jwassal lill-Qorti li tqis li t-talba hija mistħoqqa[6]. Il-parti ritrattata m'għandha għalfejn tipprova xejn, speċjalment meta r-raġuni li ssejjes it-talba għas-smigħ mill-ġdid ma titnissilx minn għamil tal-parti ritrattata, bħal f'dan il-każ;

Illi billi s-sentenza li dwarha infetħet din il-proċedura kienet mogħtija minn din il-Qorti bħala qorti tal-ewwel grad, l-azzjoni tal-attur tinbena fuq l-artikolu 812 tal-Kap 12, kif japplika miegħu l-artikoli 811(b) u 811(l). Skond il-liġi, din l-azzjoni trid issir fi żmien tliet (3) xhur minn dak inhar li l-attur isir jaf bis-sentenza li tkun ingħatat kontrih fil-proċeduri l-oħrajn fejn kien imħarrek[7];

Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqis l-ilmenti tal-attur ritrattand *in rescindente*, jidher xieraq li tiddelibera dwar ir-raba' eċċezzjoni tal-kumpannija ritrattata. Din tgħid li ċ-ċitazzjoni hija nieqsa minn wieħed mill-elementi meħtieġa f'azzjoni bħal din billi ma tagħtix tismija dettaljata ta' kull

[3] App. Ċiv. **5.6.1985** fil-kawża fl-ismijiet ***Kontrollur tad-Dwana vs Michael Żammit et***
[4] App. Ċiv. **7.12.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Wismayer vs Wismayer et*** (Kollez. Vol: **XXIX.i.795**)
[5] Kumm. **16.12.1915** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Harrison noe vs |ammit noe*** (Kollez. Vol: **XXII.iii.235**)
[6] Ara, per eżempju, Kumm. **27.4.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina vs Ċiantar noe*** (Kollez. Vol: **LXXVI.iv.666**)
[7] Art 818(1)(b) tal-kap 12

waħda mir-raġunijiet li għalihoml-attur ritrattand qiegħed jitlob it-tħassir tas-sentenza mogħtija kontrih. Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-kumpannija ritrattata: fil-korp taċ-ċitazzjoni hemm riferenza għad-dispożizzjonijiet li minħabba fihom u bis-saħħa tagħhom l-attur qiegħed jitlob is-smigħ mill-ġdid. Dawn ir-riferrenzi, mbagħad, huma mfissrin b'dettal biżżejjed fid-dikjarazzjoni maħlufa mehmuża maċ-Ċitazzjoni. Issa, bħalma huwa aċċettat li d-dikjarazzjoni maħlufa ma tissostitwix u lanqas tissupplementa ċitazzjoni li hija nieqsa mill-kjarezza kif mistenni fl-artikolu 156(1)(a) tal-Kodiċi tal-Proċedura, madankollu tali dikjarazzjoni tista' sservi biex tiċċaraha. Hekk sar f'dan il-każ, u din il-Qorti hija iżjed minn ċerta li fl-assjem tagħhom kemm iċ-Ċitazzjoni u kemm id-dikjarazzjoni maħlufa jwasslu t-tifsira sħiħa u ċara ta' dak li jilmenta minnu l-attur ritrattand. Il-Qorti hija konvinta li l-kumpannija ritrattata dan fehmitu wkoll;

Illi għalhekk, ir-raba' eċċezzjoni tal-kumpannija ritrattata m'hijiex qegħda tintlaqa';

Illi, fil-"mertu", l-ewwel aggravju tal-attur ritrattand jirrigwarda n-notifika li saritlu fl-atti tal-kawża li s-sentenza tagħha huwa qiegħed issa jattakka. Huwa jgħid li, kontra dak li jinsab muri fir-riferta li saret mal-*folder* dwar in-notifika tal-att taċ-ċitazzjoni tal-kawża l-oħra[8], ħadd qatt ma ġablu xi att ġudizzjarju fil-post imsemmi f'dik ir-riferta dwar dik il-kawża. Mhux hekk biss, imma jinsisti li fid-data li jidher li huwa ġie notifikat, lanqas biss kien fil-post imsemmi fir-riferta - li hija d-dar fejn jgħix ordinarjament - imma kien fil-post kummerċjali fejn kien jaħdem. Żied jgħid[9] li hu sar qasar jaf l-ewwel darba bis-sentenza mogħtija kontrih meta rċieva ittra mingħand l-avukat tal-kumpannija ritrattata li talbitu jħallas;

Illi f'dan il-każ xehed l-uffiċjal tal-Qorti li wettaq ir-riferta[10], u dan kien kategoriku li dak li hemm imniżżel fir-riferta seħħ tassew u jaf bis-sewwa li twettaq kif miktub. Kien konfrontat ukoll mill-attur ritrattand, u baqa' jinsisti li l-atti

---

[8] Paġ. 7 *tergo* u paġ 8 *tergo* tal-atti tal-Kawża 529/01GC
[9] Xhieda tal-attur 13.03.2003 f'paġ. 33 tal-proċess
[10] Xhieda tal-Marixxall Victor Aġius 13.3.2003, f'paġġ. 28-30 tal-proċess

tal-kawża tahom personalment lil persuna li ikkonfermat li jisimha Emanuel Micallef. Jekk ma kienx ċert fix-xhieda tiegħu, l-uffiċjal tal-Qorti ma setax jiftakar bi preċiżjoni x'ħin wettaq ir-riferta, u ma setax jikkonferma fl-awla jekk il-persuna li kien qiegħed jara kinitx l-istess waħda li madwar sentejn qabel laqgħet l-atti tal-kawża minn idejh. Mill-bqija, it-teżi tal-attur ritrattand hija li ma kienx id-dar dak inhar wara t-tmienja ta' filgħodu u li f'dik l-epoka l-unika riferta li saret fid-dar tiegħu kienet tirrigwarda proċeduri mingħand kumpannija kreditriċi oħra. Huwa tenna jgħid li, peress li dak iż-żmien il-kumpannija li tagħha kien direttur kienet għaddejja minn żmien iebes ħafna, kien ikun iqatta' ħafna ħin fil-post tan-negozju, u kien ikun hu li jilqa' n-notifika tal-bosta atti li kienu jitressqu kontra tagħha hemmhekk, u mhux fid-dar tiegħu[11];

Illi għalhekk quddiem żewġ pożizzjonijiet hekk differenti, il-kwestjoni li l-Qorti trid tqis hija jekk dak li qiegħed jgħid l-attur ritrattand huwiex ippruvat biżżejjed biex imieri dak imsemmi fir-riferta;

Illi, fid-determinazzjoni tal-kwestjoni mqanqla mill-attur, il-Qorti qegħda żżomm quddiem għajnejha wkoll li l-kawżali mressqa minnu tagħmel sejħa għall-applikazzjoni tal-prinċipju ewlieni tal-ħaqq naturali dwar is-smigħ xieraq. L-attur jgħid li kien minħabba li ma saritx notifika lilu tal-atti tal-kawża li huwa naqas milli jidher fl-ewwel proċedura u li wasslet biex bis-sentenza li ngħatat kien kundannat iħallas lill-kumpannija attriċi f'dik il-kawża l-ammont hemm imsemmi;

Illi l-Qorti tifhem li l-proċedura mfissra fl-artikolu 187 tal-Kodiċi tal-Proċedura għandha tiġi segwita b'reqqa u n-nuqqas ta' ħarsien tagħha jġib konsegwenzi radikali għas-siwi ta' kulma jkun sar bi ksur tagħha;

Illi, madankollu, fil-fatt ix-xilja tal-attur hija iżjed minn waħda dwar nuqqas ta' twettiq proċedurali: fil-fatt hija xilja li dak li juru l-atti tal-kawża li tagħha qiegħed issa jitlob is-smigħ mill-ġdid m'huwiex minnu. Dan ifisser li l-prova li

[11] Xhieda tal-attur 27.6.2002 f'paġġ. 21-3 tal-proċess

jmissha tinġieb biex ixxejjen dak li jidher bħala fatt f'att ġudizzjarju għandha tkun prova qawwija u mhux sempliċi konġettura jew suppożizzjoni li tixħet dubju. Il-gravita' tal-implikazzjoni ta' dak li qiegħed jallega l-attur kienet, x'aktarx, tinħtieġ it-teħid minnu ta' proċedura speċifika maħsuba biex issir dikjarazzjoni li r-riferta hija falza. Dan jingħad għaliex sakemm riferta ta' uffiċjal tal-Qorti ma tidhirx b'mod ċar li hija milquta b'xi żball, għandha titqies li hija xhieda ta' dak li tgħid u li din il-preżunzjoni hija *juris et de jure*;

Illi l-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-fatti li joħorġu mill-atti f'dan il-każ. Minbarra ċ-ċaħda kategorika tal-attur li huwa qatt kien notifikat, il-bqija tax-xhieda tiegħu tikkonsisti f'argumenti dwar kemm kien improbabbli li dak imsemmi fir-riferta ma kienx minnu. Min-naħa l-oħra hemm ix-xhieda pożittiva mill-uffiċjal tal-Qorti fis-sens konformi mar-riferta. Għalhekk, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li l-Qorti għadha kemm għamlet dwar il-valur probatorju tar-riferta, u għal raġunijiet oħrajn validi, hija ssib li l-attur ma seħħlux jipprova fil-grad meħtieġ dak li allega biex iġib fis-seħħ it-tħassir tal-imsemmija riferta;

Illi, minħabba f'hekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel kawżali li dwarha l-attur ritrattand qiegħed jitlob it-tħassir tas-sentenza ma tinsabx pruvata u l-ilment tiegħu minnha mhux mistħoqq;

Illi dwar <u>it-tieni aggravju tal-attur ritrattand dwar ir-raġuni li għaliha s-sentenza għandha titħassar</u>, huwa meħtieġ li wieħed iqis sewwa x'inhu dak li tgħid il-liġi sabiex tali kawżali titqies mistħoqqa. Il-liġi titkellem b'mod ċar dwar liema żball ikun iwassal biex sentenza tista' titħassar. Tali żball irid ikun jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża u dan biss fil-każ li d-deċiżjoni tkun imsejsa fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tiegħu tkun eskluża għal kollox jew fuq is-suppożizzjoni li l-fatt ma jeżistix. F'kull każ, il-fatt ma jridx ikun punt kontestat li jkun ġie deċiż bis-sentenza. Għal dan il-għan, l-iżball ta' fatt li jagħti lok għar-ritrattazzjoni jrid ikun wieħed materjali, manifest u jirriżulta mill-atti nfushom, għaliex mhux imħolli li jitressqu

provi biex jippruvaw tali żball[12]. Minbarra dan, l-iżball ma jridx ikun relattiv għall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta' ġie mifhum mill-ġudikant li ta s-sentenza li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha, għaliex dan m'huwiex żball li joħroġ mill-atti imma fis-sewwa konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant[13];

Illi, b'żieda ma' dan, l-iżball li jwassal għat-tħassir ta' sentenza u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża irid ikun iddetermina d-deċiżjoni tal-ġudikant fis-sens li kien l-fondament ewlieni tas-sentenza. B'dan il-mod, ingħad li ma hemmx lok għat-tħassir tas-sentenza jekk kemm-il darba din, għalkemm vizzjata minn żball ta' fatt manifest, tkun tista' tiġi mod ieħor imwieżna b'raġunijiet oħrajn indipendenti minn tali żball[14]. Fuq kollox, ma titħalliex issir ritrattazzjoni fejn il-fatt żbaljat ikun punt li ġie ikkontestat u deċiż fis-sentenza attakkata[15];

Illi fil-każ preżenti, l-attur jisħaq li tali żball kien jeżisti fl-atti tal-kawża li tagħha jrid li jsir is-smigħ mill-ġdid. Huwa jara tali żball fil-fatt li fl-affidavit ta' Joseph Vella, f'isem il-kumpannija attriċi, jissemma li l-kumpannija rappreżentata minnu hija kreditriċi ta' kumpannija bl-isem ta' Rimus Trading Agency Limited u mhux ta' Emanuel Micallef. Min-naħa tiegħu, l-abbli difensur tal-kumpannija ritrattata jċekken din id-diskrepanza billi jattribwiha għal "żball tal-pinna". Il-Qorti fliet sewwa l-atti kollha tal-kawża maqtugħa u b'mod partikolari qieset li d-dikjarazzjoni maħlufa mal-att taċ-Ċitazzjoni ma terġax ittenni dak l-iżball. Tirreferi għall-imħarrek u mhux għal ħaddieħor bħala d-debitur tal-kumpannija attriċi. Mill-bqija, l-atti kollha, u l-intestatura ta' kull waħda huma korretti, fis-sens li jsemmu lil Emanuel Micallef u jirreferu għalih. Ma jidhirx li dak l-iżball fl-affidavit b'xi mod induċa lill-Qorti biex tasal f'fehma msejsa fuq fatt ineżistenti jew fuq fatt li l-verita' tiegħu hija eskluża, u dan għaliex konsistentement fil-korp tas-sentenza, ssir riferenza għall-"konvenut" u mhux għal xi kumpannija konvenuta;

---

[12] App Ċiv. **22.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***John Żammit vs Michael Żammit Tabona et***
[13] P.A. GV **30.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Rota noe vs Mary Camilleri et***
[14] App. Ċiv. **18.6.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Żahra*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.323**)
[15] App. Ċiv. **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***M'Louise Muscat Inglott et vs Louis Manduca***

Illi, għalhekk, il-Qorti jkollha tasal għall-fehma li lanqas din il-kawżali tal-attur ritrattand ma tista' titqies imsejsa kif imiss skond il-liġi, u qegħda tiċħadha wkoll;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad ir-raba' eċċezzjoni** tal-kumpannija ritrattata;

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi kif** mibnija fuq il-bażi li l-attur ritrattand ma kienx notifikat kif imiss fl-atti ta' dik il-kawża, u kif ukoll fuq bil-bażi li s-sentenza msemmija hija affetta minn żball li jidher mill-atti u dan billi l-attur ma ppruvax kif imiss dak minnu allegat u billi l-ilment mhux mistħoqq fid-dritt;

**Tiċħad it-tieni talba attriċi** għat-tħassir tas-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 t'April, 2001, fil-kawża numru 529/01GC fl-ismijiet "*Double R Meats Co Ltd. vs Emmanuel Micallef*"; u

B'hekk **tiċħad ukoll it-tielet talba attriċi** għas-smigħ mill-ġdid tal-imsemmija kawża, filwaqt li **tilqa' l-ewwel tliet eċċezzjonijiet** tal-kumpannija ritrattata;

**L-ispejjeż** ta' din id-deċiżjoni jitħallsu mill-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------